10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 37**

**2 ta' Marzu 2026**

Il-laqgħa numru 37 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-2 ta' Marzu 2026 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**):

**Ħadd**

**ASSENTI:**

Is-Sur Darren Grech

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa ma' kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

Laqgħa 35

Paġna 2 – l-aħħar linja apparta trid tiġi apparat

Laqgħa 36

Paġna 2 – punt 2 it-tieni paragrafu emed trid tiġi emmendi

**Ibins**: Is-Sindku qal li peress li l-ittra għal ittra bl-avukat ma kienx hemm risposta, intbagħtet oħra reġistrata l-qorti. Għalhekk kellna nistennew mill-avukat.

**Van:** Is-Sindku qal li segretarju infurmatu li avolja l-mekkanik kien qal li l-vann għadda mil-VRT meta marru jġibu l-liċenzja l-VRT ma kienx lest. Is-Segretarju qed titkellem mal-mekkanik sabiex dan jgħamel il-VRT kif kien wiegħed.

**Karnival**: Is-Sindku spjega li bħalma l-kunsilliera ġew infurmati fil-laqgħa li għaddiet, il-kunsill kien sab l-għajnuna ta' Festivals Malta u Segretarjat taż-Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni u għalhekk wara li jitħallsu xi spejjeż addizzjonali bħal għeluq ta' toroq, indafa, eċċ. Għalhekk kien qed isir suġġeriment bħalma intbagħat fl-email preċedenti li jinxtara appart ta' Mużika u/jew Dawl li jista' jintuża mill-kunsill għal-attivitajiet futuri kif ukoll mill-għaqdiet tal-lokal. Fuq dan kien hemm qbil b'5 voti favur u xejn kontra.

**Transport Malta:** Is-Sindku saqsa x'ġara mil-Un/loading ta' Triq Misraħ il-Barrieri ħdejn Amy's Confectionary u Segretarju wieġbet li hi kienet infurmat lil-Transport Malta.

**Post Vakanti Skala 12** – Is-Sindku informa li dan il-post għadu vakanti u li segretarju kienet ser titkellem mal-jobsplus għal pass li jmiss.

**Post Vakanti skala 16 -** is-sindku informa li għal dan il-post vakanti kienet applikat biss persuna waħda. Din kienet l-istess persuna li l-bord tal-intervisti kien sabu ineleġibbli peress li ma kien jilħaq il-kriterji rikjesti. Għaldaqstant il-kunsill kien ser jitlob direzzjoni mill-jobsplus hekk kellux isir l-interview.

Is-Sindku qal li hekk il-jobsplus jagħtu l-permess li dan il-post vakanti jerġa' jinfetaħ hu kien qed jissuġġerixxi li dan isir għal full time u mhux għal part time. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera preżenti. Il-kunsill qabel ukoll li l-bord kellu jibqa' l-istess

**Toroq** – Is-sindku qal li l-IM ma weġbitx għal emails li kienu intbagħtu fuq ix-xogħolijiet li ma tlestewx fi Triq Emmanuel Attard u l-inħawi u għalhekk il-kunsill kien ser imexxi bil-kuntrattur tiegħu u jitlob refund lil IM kif kien maqbul qabel. Is-sindku informa li l-Enemalta kienet ser tagħmel ix-xogħolijiet fuq il-pont u Triq Brighella.

**Latrini Ġnien Romeo Romano** – is-sindku qal li xogħolijiet waslu biex jibdew għax din il-ġimgħa waslet l-approvazzjoni tal-BCA. Fuq il-latrini tat-Triq il-Kbira is-sindku informa li segretarju kienet qed taħdem fuq BOQ u tender.

**3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 443 u Petty Cash**

L-iskeda tal-pagamenti ġiet mgħoddija lil-kunsilliera minn qabel u għalhekk ingħatat sabiex tiġi iffirmata. Ma kienx hemm mistoqsijiet jew kummenti fuq din l-iskeda tal-pagamenti. Din ġiet iffirmata mis-Sur Silvio Vella u Sindku Gianluca Falzon.

4. **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**San Girgor–** Is-Sindku informa li Reġjun Nofsinhar kien ser jerġa' jagħti refund lil-kunsill għat-trasport użat sabiex in-nies minn Santa Venera imorru San Girgor. Għalhekk il-kunsill kien ser jorganizza trasport b'xejn għal kulħadd.

**Salib ta' Misraħ il-Barrieri** – is-Sindku qal li dan kien qiegħed għas-Sand Blasting u kien lest mir-restawr però ma kienx ser ikun lest għal funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

**Talba fuq il-Barumbara -** is-sindku qal li l-kunsill kien irċieva email għal talba sabiex il-kunsill jintervjeni fuq il-barumbara li hemm fi Triq il-Ferrovija. Is-Sindku għadda l-korrispondenza lil Supretendenza kulturali u dawn qalu li minn naħa tagħhom hekk hemm periklu jissuġġerixxu li jsir rapport lil-pulizija. Il-kunsill kien ser jiċċekkja hekk din il-barumbara hix privata.

**Eloge** – Is-sindku informa li l-kunsill kellu l-opportunita li jingħaqad ma programm iffinanzjat mill EU fejn intgħażlu numru ta' kunsill u jgħaddu minn proċess sabiex jilħqu marka ta' Kwalità. Il-kunsill qabel li jipparteċipa f dan il-programm.

**Talba Għal Triq il-Brunzar. -** is-sindku informa li l-kunsill kien irċieva email b'talba għal Blue Badge Parking fi Triq il-Brunzar. Il-Kunsill qabel li hekk kien qed jinħass il-bżonn l-persuna kellha tapplika għal dan il-parking hi stess.

**Għalqa tal-Kappillan.** – Is-Sindku informa li l-għalqa tal-kappillan ma kienetx ser tibqa' tintuża mill-HSBC u għalhekk kien talab lil provinċjal permess ta' email sabiex il-parking jinfetaħ għar-residenti. Is-Sindku qal li kien talab ukoll li l-istatwi li l-kunsill kien ser

jagħmel jiġu maħżuna taħt il-knisja imma din it-talba ma ġiet milqugħa. Is-sindku informa li kien laħaq ftehim ma kumpanija privata li kienu ser iżommu dawn l-istatwi.

**Inawgurazzjoni tal-Ort –** Is-Sindku informa li l-istatwa tal-ort kienet qed tinħadem bħalissa u li hu kien qed jissuġġerixxi li l-inawgurazzjoni tagħha ssir nhar is-26 ta' Marzu b'ċelebrazzjoni ħafifa fil-ġnien. Għal dan kien ser jiġi mistieden il-kappillan sabiex ibierek din l-istatwa, u l-President u Segretarju ta' kull għaqda Vendriża. Is-Sindku saqsa ukoll x'kienet ser tkun l-istatwa li jmiss għas-sena 2027. Il-kunsill qabel li din l-istatwa kellha tkun l-bewsa ta' Ġuda.

**Trejqa ta' Fleur De Lys –** Is-Sindku qal li l-OPM kienu pjanaw laqgħa bejn l-*istakeholders* kollha u wara li kienu tkellmu ma' Transport Malta kienu qed jissuġġerixxu li Trejqa ta' Fleur De Lys tiġi one way kollha. Huma kien qed jitolbu li bankina minnhom jitneħħa l-parking sabiex ikunu jistgħu jgħaddu l-coaches. Is-Sindku qal li hu kien ser jissuġġerixxi li l-parking tal-coaches isir fi Triq il-Ferrovija, u dawn il-parkeġġi setgħu jiżdiedu aktar milli hemm. Triq Borġ ser tibqa' kif inhi.

Silvio Vella qal li kien hemm bżonn li ssir pressjoni fuq l-istat ta' Triq San Ġorġ. Is-Sindku wieġeb li kien qed jagħmel pressjoni biex din issir.

Karl Carabott qal li xtaq jgħaddi suġġeriment fejn qal li xtaq li qabel kull slow street tinbda tinkines sew u tinħasel it-triq. Is-Sindku wieġeb li kien ser jara li tinkines sew imma fuq il-ħasil kienet ser tkun ftit problema. Karl Carabott qal li xtaq isaqsi ukoll fuq x'kienet il-policy għal viżiti ta' politiċi fid-day centre. Hu qal li sa fejn kien jaf hu membri parlamentari ma kienux permessi li jagħmlu viżiti fid-day centre. Is-Sindku qal li l-kunsill ma jidħolx fiha, kien hemm dipartiment tas-saħħa li jagħti direzzjoni hu. Steven Sultana ikkummenta li day centre kien pubbliku u allura ma kellux ikun hemm problema. Is-Sindku qal li meta talba waslet għandu hu kien qalilhom sabiex it-talba tintbagħat id-dipartiment tas-saħħa.

Karl Carabott qal li mela l-kunsilliera setgħu jidħlu fid-day centre. Joe Vella qal li meta hu kien jipprova jmur għal mara tiegħu mhux bħala kunsillier, kien jiġi mwaqqaf. Għalhekk is-sindku talab lis-segretarju sabiex isaqsi għal din il-policy lid-dipartiment tal-active ageing.

Roberta Sultana staqsiet għalfejn kienet twaħħlet No Dogs allowed fuq in-naħa ta' ġewwa? Hi issuġġeriet li din titwaħħal fuq barra u fuq dan kien hemm qbil. Roberta Sultana qalet li t-tournament tad-darts ma rnexxiex għax ma kienx hemm parteċipazzjoni u għalhekk kienet qed tissuġġerixxi li jsir tournament tal-billiards. Fuq dan kien hemm qbil u għalhekk Roberta Sultana kienet ser iġġib aktar informazzjoni.

**Ġimgħa Mqaddsa** – Is-Sindku qal li l-programm tal- Ġimgħa Mqaddsa kien ser jibqa' kif kien diskuss f'Jannar. It-Tnejn 9 ta' Marzu kienet ser issir laqgħa mal-kappillan u superintendent sabiex jiġu diskussi l-purċissjonijiet wara dak li kien ġara s-sena l-oħra. Is-Sindku kien għalhekk qed jissuġġerixxi li fid-duluri toroq jingħalqu minn naħa tal-kunsill bil-bollards. Fuq dan kien hemm qbil.

Hawnhekk Roberta Sultana talbet li tkun skużata u telqet mil-laqgħa. Is-Sindku kompla billi qal li f'Ħamis ix-Xirka kienet ser issir il-Mixgħela, u Silenti. Il-Kunsill kien qed jieħu ħsieb ukoll il-vġili tal-Għid fuq iz-Zuntier. Is-sindku kompla li fuq it-talba tal-Knisja għal fondi fejn il-kunsill kien għamel talba lil Arts Council għal fondi.

**Byelaws** – Is-Sindku qal li l-kunsill kien irċieva risposta mingħand id-DLG li l-byelaw tat-tlajjar ma kienetx ser tkun tista' tiddaħħal li fil-ġnien ma jsirux kampijiet ħlief bl-awtorizżazzjoni tal-kunsill. Dan kellu jsir byelaw għalih fuq attivitajiet fil-beraħ. Għalhekk il-kunsill iddeċieda li ma jagħmel l-ebda byelaw.

**Talba KFE** - Is-Sindku qal li l-KFE kienu bagħtu talba għal diversi toqob fosthom dawk f'Misraħ il-Kebbies. Dan għaliex xi sena ilu kienu bagħtu talba u s-sindku kien waqqafa peress li kellha tinqala t-triq. Fit-talba l-ġdida kien hemm ukoll talba għal toqba tal-arblu fil-pjazza l-antika 6 toqob oħra sabiex ikun hemm il-gang.
Fuq dan kien hemm qbil li jsiru it-toqob ta' Misraħ il-Kebbies, l-oħrajn le.

## 5 Talba Għal-Rilokazzjoni

Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva talba mingħand il-għaqda tan-nar sabiex jiċċaqalqu u jsiru toqob ġodda fi Triq il-Kbira San Guzepp. Is-Sindku qal li hu ma kellux problema li dawn ix-xogħol isir, imma li l-għaqdiet kollha joħolmu bi proġetti u dawn iridu jsiru mill-kunsill lokali ma jħossx li huwa sew. Silvio Vella wieġeb li t-toqob dejjem sar mill-kunsill. Is-sindku wieġeb li qabel il-kunsill kien f'pożizzjoni mod, u issa ieħor u għalhekk sabiex isir dan ix-xogħol il-kunsill ried jara minn fejn irid inaqqas fil-budget.

Stephen Sultana qal li hu kien qed jissuġġerixxi li l-kunsill iġib kwotazzjoni sabiex isostni l-argument li kien qed jgħid is-sindku. Silvio Vella qal li hu jaqbel li l-kunsill iġib kwotazzjoni u jinkludu ukoll dawk tal-banda. Silvio Vella qal ukoll li hu kien qed jissuġġerixxi li hekk il-kunsill jaċċetta li dawn it-toqob isiru mill-kunsill kellhom jgħatu s-servizzi tal-14 ta' Novembru b'xejn.

l

## 6. DIER

Is-Sindku informa li l-kunsill kien irċieva email mingħand id-DIER li kellu jgħati xi flus b'lura lil-ex ħaddiem tal-id. Dan kien qed jgħid li qabel kien qed jaqla' aktar bħala rata fis-siegħa. Il-kunsill qal li dan kien qed jaqla' ammont ta' flus għal diversi sigħat u mbagħad hu talab żied fil-paga għal Euro 500 fejn il-kunsill kien iddeċieda li l-persuna titħallas bil-paga minimima u b'hekk kien ser jiżdied fil-paga. Għalhekk il-kunsill iddeċieda li dan il-każ kellu jiġi riferut lil-avukat tal-kunsill.

## 7. Talba minn Aġenzija Sapport

Is-Sindku informa li l-kunsill kien irċieva email sabiex isiru xi attivitajiet żgħar fil-ġnien Romeo Romano għal xi membri tagħhom. Fuq dan kien hemm qbil.

## 8. Bord Tender Ġardinar

Is-Sindku qal li tender tal-ġardinar kien ser jiġi ippublikat daqt u għalhekk kien hemm bżonn li ssir bord ta' evalwazzjoni. Għalhekk il-kunsill qabel li dan l-bord ser ikun magħmul minn:

- Karl Carabott
- Steve Zammit Lupi
- Stephen Mallia
- Alfred Baldacchino
- Duncan Hall

## 9. Contracts Manager

Is-Sindku qal li anke t-tender tal-contracts manager ser jiġi ippublikat u għalhekk kien jinħtieġ bord. Għalhekk il-kunsill qabel li dan l-bord ser ikun magħmul minn:

- Stanley Spiteri
- Mandy Farrugia
- Elaine Caruana
- Duncan Hall

## 10. Deferred Income

Is-Sindku qal li l-accountant kienet qed tpoġġi suġġeriment sabiex jitnaqqas id-deferred income billi l-kunsill jieħu deċiżjoni li dan jiġi mneħħi mis-sistema tal-accounts. Il-kunsill ma qabilx fuq dan u qal li l-accountant għanda taddotta l-liġi tal-preskrizzjoni u dawk li kienu iktar minn 10 snin kellhom jiġu preskritti. Is-Segretarju kellha titkellem mal-accountant.

## 11. Triq il-Fawwara – Blue Badge

Is-sindku qal li daħlet talba għal blue badge għal Triq il-Fawwara. Stephen Sultana qal li l-kunsill kellu jfassal policy għal kemm it-triq tiflaħ għal Blue Badge parkings.

**12. Tmiem tal-laqgħa u laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta tat-20.00 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss kienet ser issir fi 13 ta' April 2026.

Gianluca Falzon

Sindku

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv